*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tal-Laqgha numru 2/15 tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar 2015 fil-5:30p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Vici-Sindku | Kevin Barun (K.B.) |
| Kunsilliera | Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Carmelo Cachia (C.C.)<br>Charles Muscat (C.M.)<br>Stanley Zammit (S.Z.)<br>Bernardette Pace (B.P.) |
| **Skuzat**: | Joseph Farrugia (J.F.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni ta' Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Laqgha Annwali tal-Lokalita'
5. Hatra ta' adjudication board ghal sejha ghall-offerti dwar gbir ta' skart goff (BBGL-C012015)
6. Performance appraisals tal-Agent Segretarju Ezekuttiv u Eks-Segretarji Ezekuttivi
7. Approvazzjoni ta' hlasijiet (Skeda 01/2015)
8. Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera
9. Affarijiet ohra
10. Aggornament

**Talba**

Il-Vici-Sindku flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**01** **<u>Qari tal-Minuti</u>**

01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 01/15, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

Is-Sur Stanley Zammit qal illi wara f'item 6, minflok il-kliem "ma kienx hemm" kellu jitpogga l-kliem "Is-Sur Stanley Zammit flimkien mas-Sur Carol Muscat qalu illi fl-opinjoni taghhom, kellhom isiru xi modifiki fl-iskema ta' traffiku ta' Triq Salvatore Cachia Zammit ghaliex kien qieghed ikun hemm periklu ghas-sewwieqa u pedonali.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi dwar l-istess materja kien hemm progett ta' Transport Malta u ttiehdet decizjoni illi kellha tintbaghat ittra lill-istess Transport Malta sabiex isiru x-xoghlijiet fl-iqsar zmien possibbli". Is-Sur Joseph Baldacchino ssekonda l-korrezzjoni tas-Sur Zammit li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondata mis-Sur Carmelo Cachia il-minuti gew unanimament approvati

01/03 Il-Vici-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**02** ***<u>Arisings</u>*** **<u>mill-Minuti</u>**

02/01 Ma kienx hemm.

**03** **<u>Korrispondenza</u>**

03/01 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Jannar 2015, is-Sa. Isabella Camilleri Aquilina infurmat lill-Kunsilli Lokali b'cirkolari mahruga mis-Segretarjat Parlamentari dwar opportunita' lill-Kunsilli Lokali sabiex jissottomettu proposti ghal progetti kapitali fil-lokalita' rispettiva.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jigbor l-informazzjoni mehtiega sabiex jissottometti applikazzjoni ghal sistema ta' dawl tat-toroq gdida matul il-*promenade* u f'Wied il-Buni.

03/02 Is-Sur Keith Calleja baghat rapport tal-pulizija flimkien ma' xi ritratti u stimi li permezz taghhom talab lill-Kunsill Lokali kumpens ghal allegati hsarat li garrab fil-vettura tieghu kawza ta' hofra li kien hemm biswit ir-roundabout tal-Freeport.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-hsara in-kwistjoni sehhet kawza ta' nuqqas f'xoghlijiet li kienu qieghdin isiru f'isem il-kumpanja GO plc. Gie deciz illi ghaldaqstant l-ilment kellu jintbaghat lill-kumpanija GO plc.

03/03 Ittra datata 14 ta' Jannar 2015 li permezz taghha s-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali ghall-2015 kienet ser tkun ta' €650 387.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni kienet qieghda tahdem sabiex tlesti l-estimi finanzjarji ghall-2015 li kienu ser jigu pprezentati fis-seduta segwenti.

03/04 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kien irceiva fattura sabiex tiggedded is-shubija fil-*European Cities Against Drugs*. Is-Sur Hall

zied jghid illi minkejja li kien ilu numru ta' snin imsieheb fl-imsemmija ghaqda l-Kunsill Lokali kien ghadu ma bbeneficcja bl-ebda mod minn xi tip ta' servizz u talab lill-Kunsilliera jevalwaw kull possibilta'.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux igedded is-shubija tieghu fil-*European Cities Against Drugs*.

03/05 Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Jannar 2015, il-Perit William Lewis staqsa lill-Kunsill Lokali jekk il-kuntratt li kien hemm bejnu u bejn il-Kunsill Lokali kienx ser jigi estiz sabiex ikun jista' jgedded il-garanzija.
Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kien moqdi tajjeb bis-servizzi li kien jaghti l-Perit Lewis. Segwiet diskussjoni libera li matulha kien hemm qbil unanimu illi l-Perit Lewis kien joffri servizz tajjeb lill-Kunsill Lokali ghajr diffikultajiet li gieli nqalghu relatati ma' dewmien sabiex jipproduci x-xoghol mitlub. Finalment, fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Cachia, issekondata mis-Sur Kevin Barun, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi jestendi l-kuntratt tas-Sur Lewis b'sena. L-istess Perit Lewis kellu jigi infurmat bid-decizjoni.

**04 <u>Laqgha Annwali tal-lokalita'</u>**

04/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien jinhtieg illi tigi ffissata data sabiex tkun tista' tinzamm il-laqgha annwali tal-lokalita'.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-laqgha annwali tal-lokalita' kellha tinzamm nhar l-4 ta' Frar 2015, fis-6:00p.m. gewwa s-sala tal-komunita'.

**05 <u>Hatra ta' adjudication board ghal sejha ghall-offerti dwar gbir ta' skart goff (BBGLC01/2015)</u>**

05/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien jinhtieg illi jinhatar adjudication board ghal sejha ghall-offerti numru BBGLC01/2015 li kienet tittratta l-gbir ta' skart goff mil-lokalita'

05/02 Is-Sur Kevin Barun ressaq proposta li giet issekondata mis-Sur Carmelo Cachia sabiex is-Sur Stanley Zammit jinhatar membru fl-imsemmi bord. Kien hemm qbil unanimu mal-proposta tas-Sur Barun.

05/03 Is-Sur Stanley Zammit ressaq proposta sabiex is-Sindku jinhatar bhala membru fuq l-imsemmi bord. Is-Sur Kevin Barun ssekonda l-proposta tas-Sur Zammit li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

05/04 Is-Sur Stanley Zammit ressaq proposta sabiex is-Sur Kevin Barun jinhatar membru fuq l-imsemmi bord. Is-Sur Carmelo Cachia ssekonda l-proposta tas-Sur Zammit li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

05/05 Is-Sa. Bernardette Pace ressqet proposta sabiex is-Sur Carmelo Cachia jinhatar bhala membru fuq l-imsemmi bord. Is-Sur Carol Muscat issekonda l-proposta tas-Sa. Pace li ghaddiet b'votazzjoni unanima

05/06 Segwiet diskussjoni libera li matulha gew diskussi teknikalitajiet rigward l-imsemmija sejha ghall-offerti. Finalment, kien hemm qbil illi l-amministrazzjoni kellha thejji abbozz ta' dokument li kellu jigi evalwat fis-seduta segwenti.

6 **Performance Appraisals tal-Agent Segretarju Ezekuttiv u Eks Segretarji Ezekuttivi**

06/01 Is-Sur Kevin Barun qal illi s-Sindku, is-Sur Joseph Farrugia kien ha hsieb jevalwa l-hidma tal-Agent Segretarju Ezekuttiv (Duncan Hall) matul l-2014. Is-Sur Barun ressaq fuq il-mejda, kopja tal-performance appraisal ghas-Segretarju Ezekuttiv ghall-2014 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.
Wara kunsiderazzjoni, fuq proposta tas-Sur Carol Muscat, issekondata mis-Sur Carmelo Cachia u li ghaddiet b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jirrakkomanda illi s-Sur Hall jinghata l-massimu ta' 10% tal-performance bonus.
Is-Sur Hall irringrazzja lill-Kunsilliera prezenti.

06/02 Is-Sur Kevin Barun qal illi s-Sindku, is-Sur Joseph Farrugia kien ha hsieb jevalwa l-hidma tal-Eks Agent Segretarju Ezekuttiv (Maria Galea) matul l-2014. Is-Sur Barun ressaq fuq il-mejda, kopja tal-performance appraisal ghas-Segretarju Ezekuttiv ghall-2014 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.
Wara kunsiderazzjoni, fuq proposta tas-Sur Stanley Zammit, issekondata mis-Sur Carmelo Cachia u li ghaddiet b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jirrakkomanda illi s-Sa Galea tinghata l-massimu ta' 10% tal-performance bonus.

06/03 Is-Sur Kevin Barun qal illi s-Sindku, is-Sur Joseph Farrugia kien ha hsieb jevalwa l-hidma tal-Eks Segretarju Ezekuttiv (Marthese Parascandalo) matul l-2014. Is-Sur Barun ressaq fuq il-mejda, kopja tal-performance appraisal ghas-Segretarju Ezekuttiv ghall-2014 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.
Wara kunsiderazzjoni, fuq proposta tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondata mis-Sur Kevin Barun u li ghaddiet b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jirrakkomanda illi s-Sa. Parascandalo tinghata 5% tal-performance bonus.

7 **Approvazzjoni ta' hlasijiet (Skeda 01/2015)**

07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 01/2015) ghall-approvazzjoni.

07/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Carmelo Cachia, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

8 **Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera**

08/01 Is-Sur Kevin Barun qal illi f'isem il-Kunsill Lokali kien attenda ghal seduta tal-Kabinett illi ghaliha kienu mistiedna diversi Kunsilli Lokali. Is-Sur Barun zied jghid illi fost affarijiet ohra, f'isem il-Kunsill Lokali, kien staqsa dwar il-promenade taz-zona tal-Qajjenza, flus li l-Kunsill Lokali kellu jiehu mill-*freeport* ( kif kienu ser jittiehdu lura), x'kien ser isir minflok l-impjant tal-gass li kien hemm fiz-zona tal-Qajjenza, dwar il-by-pass li kienet giet proposta u talab lill-Ministru responsabbli li tigi evalwata l-possibilita' illi f'Birzebbuga jibda' jkun hemm il-prezenza ta' aktar pulizija.

08/02 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsilliera prezenti illi waqt laqgha tar-Regjun Nofsinhar li kien attenda f'isem il-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi l-istess Regjun kien ser ikun qieghed iqassam €50 000 ewro f'fondi lill-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mir-regjun. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga kien ser ikun qieghed jinghata s-somma ta' €2 500 sabiex jintefqu f'tabelli, sinjali tat-traffiku u materjal iehor relatat ma' traffic management.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu juza l-fondi msemmija sabiex issir pedestrian crossing fi Triq San Gorg.

08/03 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsill Lokali illi kien gie avvicinat minn xi individwi li kienu offrew illi jittellghu korsijiet tal-aerobics gewwa s-sala tal-Kunsill Lokali minghajr ebda hlas.
Il-Kunsill Lokali qabel illi l-proposta li kien ircieva s-Sur Barun kellha tigi accettata u l-Kunsill Lokali kellu jixtri *first aid kit* sabiex ikun ghad-disposizzjoni ta' dawk li jaghmlu uzu mill-imsemmija sala f'kazijiet ta' bzonn.

08/04 Is-Sur Kevin Barun informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien gie avvicinat minn xi individwi li wrew ix-xewqa li jtellghu sessjonijiet ta' ghajnuna ghal min ikun jixtieq jieqaf ipejjep. Il-hsieb kien illi jittellghu seba' sessjonijiet minghajr hlas.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba l-hin li matulu jittellghu is-sessjonijiet ma jahbatx ma' xi tip ta' attivita' ohra li tittella' fis-Sala tal-Komunita', l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni

08/05 Is-Sur Kevin Barun talab lill-Kunsilliera prezenti sabiex sa mhux aktar tard minn tmiem Jannar 2015, jibaghtulu l-artiklu taghhom sabiex ikun jista' jigi inkluz fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali.

08/06 Is-Sur Kevin Barun semma l-possibilita' ta' one-way Traffic fi Triq il-31 ta' Marzu. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat ittra li permezz taghha tintalab l-opinjoni tar-residenti dwar il-materja.

08/07 Is-Sur Joseph Baldacchino staqsa lill-Kunsill Lokali jekk il-Kunsill Lokali kienx ircieva l-ammont ta' €200 mwieghda minn negozjant b'risq attivita' li kien tella' l-Kunsill Lokali.
Wara li l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonferma illi ma kienu waslu ebda fondi, is-Sur Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser jiehu hsieb jikkuntattja lill-individwu sabiex jingabru l-fondi.

08/08 Is-Sur Carmelo Cachia informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed ikun hemm kwantita' ta' hmieg madwar il-bring-in-sites ta' Triq il-Port Hieles (kantuniera ma' Triq il-Kartaginizi).
Kien hemm qbil illi kellha ssir pressjoni fuq l-iskema GreenPak sabiex iz-zona ta' madwar l-imsemmija bring-in-sites ikunu kemm jista' jkun nodfa.

08/09 Is-Sa. Bernardette Pace qalet illi kienet hadet hsieb illi jsiru l-arrangamenti mehtiega sabiex f'isem il-Kunsill Lokali, nhar il-Gimgha 13 ta' Frar 2015, tittella' attivita' b'konnessjoni ma' Jum San Valentinu.

08/10 Is-Sa. Bernardette Pace qalet illi fl-opinjoni taghha kien jinhtieg li tittiehed decizjoni rigward Jum Birzebbuga. Is-Sa. Pace ziedet tghid illi fl-opinjoni taghha kemm minhabba attivitajiet li kien ser ikun hemm fil-lokalita' kif ukoll minhabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, Jum Birzebbuga kellu jittella' f'Settembru.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sa. Pace.

08/10 Is-Sur Carol Muscat qal illi permezz tal-inmates kienu qieghdin isiru xi xoghlijiet fi Triq l-Ghannejja. Is-Sur Muscat zied jghid illi b'konnessjoni ma' dawn ix-xoghlijiet kien jinhtieg illi tinkera gaffa zghira sabiex jingarr xi materjal u kienet ingabet stima li kienet tammonta ghal €250.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi kellha tingabar stima ohra u kemm il-darba ikun possibbli isiru x-xoghlijiet

08/11 Is-Sur Carol Muscat qal illi fl-opinjoni tieghu, kien jinhtieg illi tinzabar sigra tal-palm li kien hemm fi Triq Birzebbuga
Kien hemm qbil illi l-imsemmija sigra kellha tigi mizbura

08/12 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kenitx giet ippreparata l-ittra ta' ringrazzjament ffirmata mill-Kunsilliera kollha, lill-Kummissarju l-gdid tal-Unjoni Ewropea, l-Perit Karmenu Vella bhala apprezzament ghax xoghol li l-Perit ghamel fil-lokalita', fid-distrett u f'Malta tul il-karigi li okkupa u tal-ghajnuna li dejjem ta lil ghaqdiet f'Birzebbuga.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Zammit illi l-imsemmija ittra kienet ser tkun lesta fi zmien qasir.

08/13 Is-Sur Stanley Zammit informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Mario Camilleri ma kienx accetta illi l-lampa proposta fi Triq id-Duluri titwahhal mal-faccata tieghu, imma nfurmana li accetta jekk din tehel ma' arblu taht il-bankina. Ghal din ir-raguni is-Sur Zammit kellu jiltaqa' mieghu sabiex jaraw isibux soluzzjoni.

08/14 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kenitx intbghatet l-ittra lir-residenti ta' Triq il-Borok sabiex din tibqa' one-way imma tinbidlilha d-direzzjoni.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Zammit illi l-ittra kienet ser tintbaghat f'qasir zmien.

08/15 Is-Sur Stanley Zammit qal illi sfortunatament fil-parkegg ta' San Gorg ghad hemm numru ta' dghajjes fil-parkegg mhux riservat ghalihom. Fil-laqgha precedenti kien hemm ftehim illi kienet ser tittiehed azzjoni skond kif tipprovdi l-ligi.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal illi l-azzjoni ma kenitx ittiehdet peress illi kien hemm interventi ta' terzi li kienu taw garanzija illi kienu ser jitnehhew l-imsemmija opri tal-bahar. Madanakollu, kemm il-darba jigi nnutat illi ma tkunx giet ratifikata s-sitwazzjoni l-Kunsill Lokali kien ser jiehu l-passi mehtiega.

08/16 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-istima ghal pedestrian crossing ta' Triq Birzebbuga faccata tal-pont iz-zghir fil-Gnien ta' San Gorg hija ta' €634.06. Is-Sur Zammit zied jghid illi l-fondi ghax-xoghol imsemmi kien ser jigi minn flus li r-Regjun Nofsinhar kien ser iqassam lill-Kunsilli Lokali.

08/17 Is-Sur Stanley Zammit qal illi b'konnessjoni mal-attivita' Ingeddu Tfulitna kien issuggerit li jsir kuncert f'Borg in-Nadur minn xi grupp bhal Tribali.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-grupp imsemmi mis-Sur Zammit kien ser jigi jiswa' aktar minn dak li kien qieghed jippjana li jonfoq il-Kunsill Lokali.

08/18 Is-Sur Stanley Zammit qal li fl-opinjoni tieghu kellha ssir talba sabiex il-parkegg f'tal-Gass fejn kienu jipparkjaw it-trakkijiet ta' Ghawdex tigi klerjata u tigi devoluta bhala parkegg ghad-dghajjes ghax-xitwa u ghal karozzi fis-sajf (simili ghal dak ta' San Gorg).
Kien hemm qbil illi l-proposta tas-Sur Zammit kellha tittiehed in-kunsiderazzjoni.

08/19 Is-Sur Stanley Zammit issuggerixxxa illi titranga l-lampa tal-fanal fit-tarf tal-moll ta' San Gorg kif ukoll titwahhal tabella *Strictly Un/Loading – Keep Clear*.
Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Zammit.

08/20 Is-Sur Stanley Zammit qal illi galadarba kien inbeda x-xoghol ta' patching fl-opinjoni tieghu kellha tinghata prijorita' jsir dan xoghol fi Triq il-Bzulija u Triq il-Musbieh minhabba li minn hemm jghaddu hafna tfal.
Kien hemm qbil illi z-zewg toroq in-kwistjoni kellhom jiddahhlu fil-lista ta' xoghlijiet sabiex fihom isir il-patching mehtieg.

08/21 Il-Kunsillier Stanley Zammit qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva l-istima sabiex tissewwa l-hsara fiz-zewg circuits fil-promenade tal-Bajja s-Sabiha. Minhabba li l-Kuntrattur ma jafx fejn qieghda l-hsara, huwa baghat biss ir-rati. B'mod verament konservattiv, is-Sur Zammit zied jghid illi huwa kien jistma' spiza ta' Ewro 1700.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi dan il-progett, flimkien ma' xoghlijiet simili f'Wied il-Buni kellhom jigu sottomessi ghal ksib ta' fondi permezz ta' skema li kien hareg il-Gvern Centrali.

08/22 Is-Sur Stanley Zammit semma kif numru ta' residenti ssuggerew li ssir traffic island fi Triq il-Port Hieles inti u diehel fi Triq il-Girghien bl-iskop li jinqatghu ix-short cuts. Wara l-approvazzjoni ta' Transport Malta, din tkun tista' ssir mill-inmates.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex jinkisbu l-permessi minn Transport Malta. Wara imbaghad kellu jigi evalwat min iwettaq ix-xoghlijiet.

08/23 Is-Sur Stanley Zammit staqsa f'liema stadju kienu waslu x-xoghlijiet fuq mushroom type roundabout Triq San Gwann/Triq San Edwardu/Triq iz-Zibra liema xoghol kien miftiehem li jista' jsir mill-haddiema tal-Kunsill jew mill-inmates taht is-supervizjoni tal-Perit Lewis jew tal-Contracts Manager.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi x-xoghol imsemmi kien ghadu ma giex imwettaq.

08/24 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-20 ta' Mejju jahbat l-450 sena anniversarju mill-izbark tat-torok u l-bidu tal-Assedju l-Kbir. Huwa issuggerixxa illi jsir programm semplici fil-Kappella ta' San Gorg kompost minn lecture pubbliku bl-ghajnuna tal-Ghaqda Storja u Kultura. Minhabba li din tkun attivita' marbuta mac-celebrazzjonijiet nazzjonali, ghandha ssir talba sabiex ninghatu fondi ghar-reklamar. Ghal dan il-ghan is-Sindku tal-Belt Valletta Profs. Alexei Dingli diga offra l-ghajnuna tieghu.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghall-attivita' proposta mis-Sur Zammit sakemm l-ispejjez relatati maghha ma jkunux eccessivi.

**9** **Affarijiet ohra**

09/01 Ma kienx hemm

**10** **Aggornament**

Is-Seduta spiccat fid-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar l-Erbgha 18 ta' Frar 2015 fil-5:30 p.m.

____________________ ____________________

| | |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **A/Segretarju Ezekuttiv** |

Data: ____________________